10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 30**

**29 ta' Ottubru 2025**

Il-laqgħa numru 30 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-29 ta' Ottubru 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sur Steven Sultana

**ASSENTI:**

Is-Sa Roberta Sultana

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm ittra waħda ta' apoloġija

Is-Sindku fetaħ din il-laqgħa billi feraħ lill-Viċi Sindku għal kariga ġdida tiegħu fi ħdan ic-Chamber of Regions.

**2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

**Korrezzjonijiet laqgħa 28**

Paġna 2 fil-korrezzjonijiet ta' laqgħa 26 gla kellha tinbidel għal ala u fl-aħħar tal-paġna, minflok jinżlu l-isfel ħdejn l-oħrajn tiġi ikkorreġuta għal jinżlu l-isfel ħdejn l-iskip on wheels.

Paġna 5 punt iii il-kelma konsutazzjoni trid tiġi konsultazzjoni, u il-kunsill irid jinbidel għal dak ta' Birkirkara

**Korrezzjonijiet laqgħa 29**

Karl xtaq li tiżdied il-frażi fl-aħħar tal-minuti. *Karl saqsa dirett lil Silvio u r-risposta tiegħu kienet li jippreferi ma jirrispondix.*

Infrastructure Malta – Is-sindku informa li kellu laqgħa oħra ma' din l-entita' u li fiha l-IM ikkonfermat li kienu ser isiru Triq is-Soll u Triq il-Ħarrub. Is-Sindku qal li hu saqsa sabiex issir Triq Vivion hekk kif qed isir xi xogħol mill-Enemalta li ser jibqa' sejjer sa' Misraħ il-Barrieri. Joe saqsa hekk Triq Kappillan Mifsud hux ser tkun inkluż l-biċċa li ma saritx? Is-Sindku wieġeb li iva se tkun inkluża. Is-Sindku kompla li fuq il-pont fejn hemm it-taraġ kien qed iżomm ħafna ilma u għalhekk kien ippropona li jiġi irranġat billi isir tarmak naqra oħxon u jsir gutter fin-nofs.

Is-Sindku kompla li tkellem ma IM fuq Triq San Gorg u Triq Vivion u f'dawn l-inħawi hemm propost storm Water System ġdida. Għalhekk fi 2026 kien ser ikun hawn ħafna proġetti sabiex tissolva l-problema tal-għarar f'Santa Venera. Fuq Triq Vivion Is-sindku qal li kien talab lil Hospice sabiex isir laqgħa però l-ħinijiet tagħhom ma kienux qed jaqblu ma tiegħu. Ser isiru ukoll Triq Ħal Kaprat u Triq l-Institut.

Ibins – Is-sindku qal li kien ser ikollu laqgħa mas-Superjur u kien ukoll talab laqgħa mac-CEO tal-ERA fuq din il-kwistjoni. Greenpack kienu qed jibqgħu isostnu li dawn iridu jsiru. Joe Vella ikkummenta li ma kienx ġustifikabbli fejn qegħdin u s-sindku qabel miegħu. Hu qal li l-kunsill qatt ma issuġġerixxa li jsiru hemm. Joe qal li nitkellmu mal-avukat u tintbgħat ittra.

Communal Disabled Parkings – Is-Sindku qal li dawn ġew approvati kollha minn TM. L-unika tibdil kien f'dik ta' Triq San Ġorġ li kienet ser issir fi Triq il-kanun.

MFA – Is-Sindku qal li rċieva email li l-MFA kien qed jaqbel ma drop off ħdejn il-pompa. Karl Carabott saqsa hekk il-pulizija tal-komunità għadhom imorru fi Triq San Pawl. Is-Sindku qal li iva qed imorru. Hu qal ukoll li kien qed jissuġġerixxi timed parking bay.

Skola – Is-Sindku informa li kien hemm ħafna diskussjonijiet mal-iskola, kif ukoll mad-dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-Sindku informa li hu kien ta diversi soluzzjonijiet fosthom:

1. Triq maġenb tintuża bħala waiting lane għal dawn l-20 rotta.
2. Trejqa Fleur-de-Lys tinqasam f'żewġ lanes: waħda pedonali għall-istudenti u oħra għar-residenti.
3. Il-ħinijiet tal-għeluq jitnaqqsu għal 30 minuta minflok 45 minuta.
4. Erba' uffiċjali tal-pulizija jkunu preżenti biex jindirizzaw it-traffiku fil-ħinijiet kritiċi. U li trasport jiġu fil-ħin u mhux siegħa qabel.

Il-pulizija għandu jagħmel il-barriers hu, imma l-pulizija mhux japplikaw u għalhekk is-sindku informa lis-surmast sabiex bl-istess flus iġib security minflok pulizija. Karl qal li kellna

nissuġerixxu School grannies u sindku wieġeb li din il-proposta ingħatat lil-iskola imma jridu jaċċettaw huma.

**Laqgħa 29**

Is-Sindku qal li l-quote tal-KFE waslet u kienet aktar minn tas-sena l-oħra. Il-kwotazzjoni kienet ta' Euro 800 meta s-sena l-oħra kienet ta' Euro 550. Għaldaqstant hu kien wieġeb li l-kunsill ma jistax jibqa' jħaddan open policy ta' fondi u li din il-festa issir bil-buona volontà tal-kunsill u mhux b'obbligu.

Is-Sindku informa li tan-nar kienu wieġbu bi kwotazzjoni għal żewġt irdieden imma riedu li skorta, permessi u insurance nieħdu ħsieb aħna. Is-SE qalet li l-kunsill qatt ma għamel il-permessi u insurance hu u għalhekk saqsa lil għaqda biex tieħu ħsieb hi. Hi saqsiet x'ser jiġri hekk dawn ma jaċċettawx. Joe Vella wieġeb li inżidu ftit il-budget tan-nar tal-ajru u ma nagħmlux nar tal-art. Fuq dan kien hemm qbil. Silvio Vella saqsa x'ser jiġri hekk ma jaċċettawx tal-festa. Is-Sindku qal li naraw x'ser jiġri.

### 3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 439 u Petty Cash

Joe Vella saqsa minħabba l-hornets u hekk il-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa. Is-Sindku wieġeb li l-kunsill xtara ħafna u qassamhom madwar il-lokal. L-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata minn Darren Grech u Silvio Vella

### 4. Kommunikazzjoni mis-sindku

i. Casa Leoni u l-Milied – Il-ministeru intalab li sabiex jagħmel platforms fin-naħa tal-ġnien imma dan qal li ma jistax minħabba l-budget. Hu kien ser iżid id-dawl.

ii. Skema Komunitajiet Aktar Siguri u organizzati – is-sindku qal li din l-iskema kienet skema li l-fondi għalija ma ġewx utilizzati peress li kienet inbidlet il-liġi u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li issir applikazzjoni sabiex il-kunsill jiffinanzjaw il-bollards, tabelli u ħofor li saru sabiex tingħalaq Triq il-Kbira San Guzepp b'aktar sigurtà. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti kollha.

iii. Is-Sindku informa li ħarġet skema mill-Lesa sabiex il-kunsill ikun jista' japplika għal fondi fuq diversi kriterji. Wara li inqrat l-iskema maħruġa kien hemm qbil li ikun hemm applikazzjoni għal-xiri ta' vann tax-xogħol ġdid, u bil-fondi li jibqa', issir ir-rinnovazzjoni u tindif tat-turretta minn ġewwa, kif ukoll jitkompla l-proġett tas-sinja sabiex din tibda topera u jinfetaħ l-aċċess għal-ġibjun.

iv. Is-Sindku informa li kien hemm talba sabiex Triq il-karmelitani issir one way biex jinżlu minna biss. Joe għalhekk issuġġerixxa li issir Traffic Management plan, is-sindku qal li ma jaqbilx, għax il-kunsill ser jispiċċa joħroġ il-flus u xorta ma jsir xejn. Karl qal li l-aqwa li l-akwata tkun safe u bl-istudji l-kunsill ikun jista jevalwa aħjar. Għalhekk kien deċiż li issir ittra lir-residenti ta' Triq Karmelitani.

v. Is-Sindku informa li fid-9 ta' November kien ser jinfetaħ il-Mużew tal-għodda.

vi. Ġimgħa Santa Venera – is-sindku qal li l-programm ta' Ġimgħa Santa Venera hu kif ġej:

a. 8 ta' Novembru - Ċelebrazzjoni tal-faċċata l-ġdida tal-KFE
b. 9 ta' Novembru Poppy Day – quddiesa fid-9.00am u wara parata
c. 10 ta' Novembru - Introduzzjoni u tqassim tal-ktieb il-ġdid li ħareġ il-Kunsill għal year 1 u year 2 fid-9.00am fl-iskola primarja ta' Santa Venera
d. 11 ta' Novembru – Jum l-Anzjani fit-08.30am quddiesa u attività fiċ-ċentru parrokkjali
e. 12 ta' Novembru – Laqgħa Ġenerali Annwali imexxi s-Sur John Mallia
f. 13 ta' Novembru – Jum iż-Żgħażagħ fejn ser ikun hemm diskussjoni fuq is-sehem taż-żgħażagħ. Din ser issir l-Aġenzija żgħażagħ
g. 14 ta' Novembru ser tiġi ċċelebrata l-festa fl-iskola primarja u bejn is-1300 u 1400 ser ikun hemm il-banda. Filgħaxija quddiesa fis-18.00 fil-knisja l-antika u wara ċelebrazzjoni tal-Gieħ u Mertu.

vii. Halloween – is-sindku informa li Triq Braille ser tkun magħluqa u Triq San Pawl ser tkun one way. Ser ikun hemm 8 uffiċjali tal-Lesa.

viii. Board għal intervisti għal postijiet vakanti – is-Sindku issuġġerixxa li jibqgħu kif kienu

ix. Is-Sindku informa ukoll li kien daħal appell fuq wieħed mit-tenders dak tas-sinjali u marki tat-toroq.

x. Bus Shelter – is-sindku informa lil-kunsilliera li il-perit kien irrisponda b'ittra mill-qorti lil-George Vella fejn dan ikkonferma dak kollu li kien kiteb fuq ir-rapport li ta lil-kunsill.

xi. Joe saqsa fuq l-email li kienet iċċirkolat lill-kunsill mingħand l-Enemalta fejn kienet ser tibdel id-dawl kollu. Hu kien qed jissuġġerixxi sabiex jiżdied id-dawl ħdejn ir-roundabout ta' Fleur De Lys peress li kien hemm id-dlam. Is-Sindku qal li kif jibdew id-diskussjonijiet kien ser jipproponi. Joe saqsa ukoll hekk għal mixja/ġirja tal-president il-kunsill kienx ser jagħmel xi ħaġa. Is-Sindku qal li peress li dawn jgħaddu biss u ma jieqfux ma kienx hemm il-ħsieb.

xii. Europeak mobility week – is-sindku qal li l-kunsill kien irċieva email fuq din u kien ser jikseb aktar informazzjoni

xiii. Kommunikat mill-banda. Is-Sindku qal li per rispett il-banda kella titkellem u tinforma lil KFE fuq l-arbli anke minħabba li l-KFE tarma t-triq fil-festa. Joe ikkummenta li hu kien jaħseb li l-istorja twalet għal xejn filwaqt li Karl qal li kien hemm differenza bejn jitkellmu u jinfurmaw il-xulxin għal jieħdu permess bħalma kienet tgħid l-email. Joe qal li l-kunsill kellu biss jgħati in- no objection tiegħu għal dawn l-arbli. Darren qal li kien hemm qbil li kull għaqda għanda titkellem ma għaqda oħra u li ma kienx hemm oppożizzjoni minn naħa tal-kunsill għal dawn l-arbli. Għalhekk is-SE talbet hekk hemmx qbil fuq dan l-istatement: *bħala kunsill ma noġġezzjonawx li jsiru t-toqob. L-għaqdiet kellhom jiddiskutu bejniethom sabiex jaraw fejn għandom isiru t-toqob.*

Hawnhekk skuża ruħu mill-laqgħa Darren Grech

**5. Vice Chairperson – Ġieħ u Mertu.**

Is-Sindku informa li skond l-istatut kien hemm bżonn li jkun hemm vice chairperson u għalhekk kien qed jissuġġerixxi lil-Avukat Miguel Cauchi. Fuq dan kien hemm qbil.

**6. Ġieh u Mertu Santa Venera**

Il-board kien qed jissuġġerixxi lill-Fra Laurence Mercieca bħala rebbieħ ta' Ġieħ il-lokal ta' din is-sena u lill-Romeo Romano u Joe Carabott għal rebbieħ tal-Mertu tal-lokal. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera.

### 7. Tibdil fin-nomenklatura tal-vakanza għal-ħaddiem tal-id

Is-Sindku informa li sabiex inkunu konformi fin-nomenklatura, il-vakanza għal ħaddiem tal-id inbidlet għal vakanza għal tradesman I.  Fuq dan kien hemm qbil

### 8. Rapport Finanzjarju Q3

L-accountant qalet li kien hemm loss ta' 64K fl-ewwel 9 xhur tas-sena.  Bħala dħul kien hemm dħul mill-permessi.  In-nefqa tal-pagi kienet on track, imma kien hemm żieda fuq tiswijiet, tabelli u Printing.  L-FSI għal-ewwel 9 xhur tas-sena kien ta' 9%.

### 9. Kumitat tal-Finanzi

Is-SE qalet li peress li l-FSI kien taħt l-ammont ta' 10%, hekk jibqa' hekk fl-aħħar tas-sena kien ser ikun hemm il-bżonn li jsir il-kumitat għal finanzi.  Dan kellu jiġi kompost mis-Sindku, SE u kunsillier, u f'każ li ħadd minn dawn ma kien accountant, l-accountant tal-kunsill. Għaldaqstant is-sindku innomina lil viċi sindku.

### 10. Mozzjoni Devoluzzjoni tat-Turretta

Is-Sindku ppreżenta mozzjoni sabiex il-kunsill jagħmel talba għad-devoluzzjoni tat-Turretta. Wara li din il-mozzjoni ġiet moqrija, kien hemm qbil.

### 11. Sistema ta' CRM u Sistema tal-Permessi

Is-SE spjegat li l-kuntratt għas-sistema tal-permessi ma kienx ser jibqa' f'idejn id-DLG imma kien ser jaqa' taħt ir-responsabiltà tal-kunsill.  Is-Sindku qal li il-kunsill kellu jġib kwotazzjoni mingħand Suppliers oħra fuq dan.

### 12. Ilmenti

L-ilmenti kollha li daħlu kienu qed jieħdu ħsiebhom l-ħaddiema tal-kunsill.

### 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiem għal ħabta ta' 19.45.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar is-17 ta' Novembru 2025 fil-17.00 fil-binja tal-kunsill.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv